# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 45 – IL-ĦAMIS 14 TA' JANNAR 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier (waslet fit-7:55pm) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 43 U 44

1.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li f'para. 10.2 tal-Minuti Nru. 43, tinbidel is-sekwenza tal-aħħar tlieta u tiżdied sentenza biex taqra kif ġej:

e) Traqqigħ estensiv fi Triq il-Konti Salv Manduca.

f) Tneħħija ta' bankina wiesgħa fi Triq Gregorio Caraffa.

ġ) Traqqigħ estensiv, tisbieħ u manutenzjoni fiż-żona tal-iskola Primarja.

Għalkemm preferibbilment isiru f'din l-ordni, il-Kunsill mhux obbligat li jsegwiha.

1.2 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 43 mingħajr aktar emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.3 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 44 mingħajr ma għamel ebda emenda u l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Minuti Nru. 43: Is-SE infurmat li dwar il-passaġġ li hemm biswit il-bosk, kienet iltaqgħat mal-Perit u l-kuntrattur u jidher li minħabba li m'hemmx fejn issir rampa, il-Perit irrakkomanda li ma ssirx. Kien hemm qbil li s-SE għandha tara kif jista' jitpoġġa xi materjal biex għallanqas min ikun miexi mill-ħamrija jkollu sodda naqra aktar soda u pulita.

2.2 Hawnhekk waslet il-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-7:55pm.

2.3 Minuti Nru. 43: Għall-mistoqsija tal-Kunsill, is-SE infurmat li l-periti kienu msifrin u għaldaqstant ma saritx il-laqgħa dwar ix-xogħlijiet. Hija infurmat li kienet se tfakkar lill-Periti matul il-ġimgħat li ġejjin.

2.4 Minuti Nru. 43: Fir-rigward ta' para. 11.4, is-SE infurmat li l-Viċi Sindku kien ħa l-inkarigu li jgħaddi kopja taċ-ċavetta tal-*barrier* li tpoġġiet ħdejn il-kamra tal-periti lis-sidien taż-żewġt iħwienet tal-ikel.

2.5 Minuti Nru. 44: Is-SE infurmat li l-pagamenti min-naħa tal-Aġenzija tal-Pagament kienu saru kollha ħlief għal wieħed lil Alberta li ma laħaqx ġie proċessat għal xi raġuni. Hija infurmat li bħala Kunsill kienu ġew rifużi ammont żgħir mill-ispejjeż li kienu saru. Sadanittant infurmat li jidher li hemm problema tal-ilma fl-entratura u għaldaqstant kienet qegħda f'kommunikazzjonijiet mal-Periti u l-kuntrattur biex din il-problema tissolva.

2.6 Fir-rigward ta' para. 7, is-SE infurmat li għall-attivitajiet tal-proġett tar-Remembrance, id-delegazzjonijiet kienu se jkunu ffurmati kif ġej: L-Italja: Is-Sindku, is-SE, il-Kunsillier Fenech, il-Kunsilliera Bugeja u l-uffiċjal eżekuttiv tal-Kunsill. Il-Litwanja/Latvja: Is-Sindku, is-SE, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Mifsud u l-post l-ieħor jittieħed bejn il-Kunsillier Fenech u l-Kunsilliera Bugeja.

2.7 Fir-rigward ta' para. 8.8, is-SE infurmat li kienet intbagħatet l-applikazzjoni għal WiFi bla ħlas skont kif deċiż mill-Kunsill.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-inawgurazzjoni tal-bosk, minħabba li se ssir f'Jannar hemm il-probabbiltà li t-temp ma jkunx favorevoli. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Ġimgħa qabel l-inawgurazzjoni nnifisha, is-Sindku u s-SE kellhom jiddeċiedu jekk l-attività setgħetx issir jew le. Sadanittant kien hemm qbil li l-attività kellha tkun waħda sempliċi, bid-diskorsi, il-kxif tal-lapida u t-taħwil tas-siġra biss b'intervent żgħir mill-iscouts li xtaqu jippreżentaw bejtiet għall-għasafar u xi krafts li kienu ħejjew u t-tqassim tal-kotba possibbilment mill-grupp tad-Drama.

3.2 Is-Sindku qal li minħabba li skont ix-xehra tal-kotba, il-finanzi tal-Kunsill kienu jidhru li se jispiċċaw b'mod aktar favorevoli mis-sena ta' qabel, irrakkomanda li għal din is-sena 2016, il-Kunsill kellu jtella' l-baġit għad-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira għal €1000 minflok €500 bħas-sena ta' qabel. Hawnhekk qamet diskussjoni fejn ittieħed ukoll vot. Is-Sindku, il-Kunsillier Fenech u l-Kunsillier Mifsud qablu mas-suġġeriment tas-Sindku filwaqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bugeja ma qablux u insistew li dawn il-€500 setgħu ntużaw għall-proġetti u manutenzjoni li kellu f'moħħu li jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku irrisponda li dawn il-€500 m'għandhomx jippreġudikaw ix-xogħlijiet li hemm fil-baġit u lanqas kienet se tiġġreġudika deċiżjonijiet futuri tal-Kunsill fir-rigward ta' din l-attività.

3.3 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieqaf temporanjament sabiex jitkellem ma' resident li kellu lment fir-rigward ta' nuqqas ta' dawl u traffic lights fil-bypass tal-Imtarfa. Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb liż-żewġ Kunsilli biex issir ittra waħda lill-Ministeru. Fin-nuqqas li jkun hemm risposta pożittiva min-naħa tal-Ministeru, il-Kunsill kien se jissuġġerixxi li ssir konferenza stampa bejn it-tliet Kunsilli. Il-laqgħa spiċċat fid-8:50pm u kompliet il-laqgħa tal-Kunsill.

3.4 Hawnhekk is-Sindku skuża ruħu mil-laqgħa minħabba li kellu eżami l-għada u għaldaqstant kellu jmur ikompli jistudja. Il-Kunsillier Mifsud skuża ruħu wkoll. Il-ħin kien id-8:50pm. Il-laqgħa tkompliet mill-Viċi Sindku.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA 2016

5.1 Is-SE infurmat li għalkemm kienet għamlet kommunikazzjoni mal-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Patrick Caruana, biex jattendi għal din il-laqgħa u saħansitra ntbagħat anke l-kopja tal-Aġenda, dan ma kienx ġie u lanqas għarraf li ma kienx se jattendi.

5.2 Kien hemm qbil li l-accountant għandu jintalab jattendi għal-laqgħa li jmiss.

## 6. KWOTAZZJONI PUBBLIKA MTFLC/Q/09/2015 – TRANSPORTATION OF ELDERLY PERSONS TO AND FROM DAY CENTRE

6.1 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-kuntrattur ta' Faith Garage u dan kien għadda kommunikazzjoni fejn offra li għalkemm huwa m'għandux vann bit-tail lift, huwa kien lest li joffri minibus bit-*tail lift* għall-użu tal-Kunsill sa massimu ta' tliet darbiet fis-sena bl-istess prezz ta' minibus normali.

6.2 Kien hemm qbil li fid-dawl li l-Kunsill qatt s'issa ma ġie bżonn li juża vann bit-*tail lift* għandu jaċċetta din il-kwotazzjoni, li kienet ukoll l-irħas waħda, bil-proposta ta' dan il-kuntrattur.

## 7. PROPOSTA DWAR SKART RIĊIKLABBLI MINN GREENMT

7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand GreenMT fejn dawn kienu taw data sal-aħħar ta' Jannar lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi jekk hux se jaċċetta l-proposta tiegħu biex ineħħi l-iskips tal-iskart imħallat mil-lokalità fost oħrajn.

7.2 Kien hemm qbil unanimu li s-SE għandha tinforma lill-GreenMT li min-naħa tagħhom diġà bdew jagħmlu kuntatti mal-kuntrattur li jiġbor l-iskart iżda li żgur mhux se jkunu ffinalizzaw kollox sal-aħħar ta' Jannar. Għaldaqstant kienet se tintalab estensjoni sa April 2016 biex tagħti ċans lill-Kunsill jasal għal ftehim mal-kuntrattur tiegħu. Kien hemm qbil li l-iskart riċiklabbli għandu jibqa' fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa u li l-iskart imħallat għandu jinġabar biss fil-ġranet meta ma tinġabarx il-borża l-griża minn wara l-bibien tar-residenti. Dan ifisser li l-Kunsill kien qed jaqbel li għandu jibda jadotta s-sistema li diġà ilha fis-seħħ fil-maġġorparti tal-lokalitajiet f'Malta u Għawdex u mal-linji gwida maħruġa mill-Gvern Ċentrali.

## 8. *PERFORMANCE BONUS* TAS-SE U L-UFFIĊJAL EŻEKUTTIV

8.1 Il-Kunsill approva l-massimu, jiġifieri 10% *performance bonus* lis-SE għas-sena 2015.

8.2 Il-Kunsill approva l-massimu, jiġifieri 6% *performance bonus* lill-Uffiċjal Eżekuttiv għas-sena 2015.

**9. *SPONSORSHIP* TA' KORS TA' QARI TAL-PROVI FIL-MALTI GĦALL-UFFIĊJAL EŻEKUTTIV**

9.1 Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill approva li jħallas għall-kors fil-qari tal-provi fil-Malti li l-uffiċjal eżekuttiv tħajret li tagħmel biex ittejjeb il-livell tal-Malti tagħha.

**10. PUNTI OĦRA**

10.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech, is-SE infurmat li kienet għamlet *on-site visit* mal-espert ambjentali kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill biex tara l-ħsara li allegatament qed issir minn siġar tal-ficus fi *planter* fil-passaġġ ta' Triq is-Sinjura. Għalkemm ma ġiex iddeterminat li l-ħsara ġrat mis-siġar, kien hemm qbil li dawn eventwalment setgħu jagħmlu l-ħsara u għaldaqstant għandhom jitneħħew. Hi infurmat li kienet se tlesti WO għall-ħaddiema tal-Kunsill biex dawn jitneħħew però sadanittant se tintbagħat kommunikazzjoni lill-MEPA biex jiġi determinat jekk hemmx bżonn ta' xi permess. Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li hemm siġar simili tagħhom kemm fuq nett tat-telgħa tal-Imtarfa kif ukoll fil-planters ta' fuq il-latrini. Hawnhekk kien hemm qbil mill-Kunsill li għandha tgħarraf lill-MEPA dwarhom ukoll u fil-każ għandu jinġab il-permess biex jinqalgħu lkoll.

10.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li għandha terġa' tinkera *power wash* biex titnaddaf il-bankina ta' quddiem l-Iskola Primarja mill-ħażiż. Kien hemm qbil li għandu jsir ukoll tindif bil-*power wash* bejn il-*barracks* biex jitneħħa l-periklu li jinħoloq fejn jikber il-ħażiż.

10.3 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni bil-miktub tal-kuntrattur li jieħu ħsieb it-tindif tal-latrini għaliex mhux qed jagħlaq dejjem fis-7pm u mhux qed tkun nadifa daqs kemm mixtieq.

10.4 Il-Kunsillier Fenech talab lis-SE tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur tas-*soft area* għaliex mhux qed isir ħart fil-*planters* u s-*soft areas* kollha.

10.5 Is-SE infurmat li l-allokazzjoni għas-sena 2016 kienet se tkun dik ta' €250, 109.

10.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-Awtorità tad-Djar fejn talbu lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni li l-ħanut il-ġdid, tal-Kina, joħroġ l-imwejjed barra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm iż-żona tal-imwejjed u s-siġġijiet tkun waħda kkontrollata u skont il-pjanta mibgħuta.

10.7 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-midja kien deher artiklu dwar informazzjoni skorretta li ħarġet mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali (NAO) fejn din qed turi li l-Kunsill tal-Imtarfa kellu b'€53,233 irċevuti mhux miġbura matul is-sena 2014. Hija infurmat li dan ma kienx minnu u għalkemm kitbet lill-NAO dwar dan, dawn ma wrewx ix-xewqa li jirretifikaw ir-rapport u li jinfurmaw lill-midja bl-iżball. Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Kunsill għandu jagħmel notifika lill-midja huwa stess.

10.8 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu rċevew *internet key* kull wieħed sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw il-kontijiet tal-Kunsill permezz tal-*internet banking* hekk kif kien ġie maqbul waqt waħda mil-laqgħat preċedenti.

**11. AĠĠORNAMENT**

11.1 Il-laqgħa spiċċat fl-9:40pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**